**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 12 ta' Dicembru, 2017

Rikors Nru : 361/17 AL

**AB**
**VS**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

1. Illi l-partijiet zzewgu fid-19 t'Ottubru 1985 skond ic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A";

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li llum huma t-tnejn maggorenni;

3. Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni fl-Atti tan-Nutar Dr. Joseph Debono datat l-1 t'Awissu 2017 li

kopja tieghu qeghda tigi hawn anness u mmarkata bhala Dok. “B”;

4. Illi ghaddew ‘l fuq minn erba’ snin mid-data tas-separazzjoni *de facto* tal-partjiet hekk kif jirrizulta minn klawzola 18 tal-kuntratt ta’ separazzjoni tal-partijiet u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn l-istess partijiet;

5. Illi l-avukat ta’ l-esponent ddiskutiet il-possibilta` ta’ rikonciljazzjoni u forniet l-ismijiet u l-indirizzi tal-persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin;

6. Illi madanakollu m’hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

7. Illi ma hemm ebda pendenza ta’ manteniment bejn ir-rikorrent u l-intimata;

8. Illi jikkonkorru il-kriterji kollha rikesti mill-ligi ghal-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.

Talab, li l-intimata tghid ghaliex din il- Qorti m’ghandhiex:

1. 1. Tiddikjara li z-zwieg tieghu bejn il-partijiet hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal effetti kollha tal-ligi.

2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien prefiss mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru` Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-27 ta’ Settembru 2017;

Semghet lill-intimata tiddikjara Ii ma topponix ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-1 ta' Awwissu 2017 u de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.